

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.3.2009  
KUMM(2009) 100 finali

2009/0031 (CNS)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni 2006/326/KE biex tipprovdi għal proċedura għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. Il-kuntest tal-proposta(i)**

#### **1. 1. Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta/i**

Skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fit-Titolu IV tat-Trattat tal-KE, u b'konsegwenza ta' dan l-istrumenti Komunitarji adottati fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili mhumiex vinkolanti jew applikabbli għad-Danimarka. Madanakollu, l-applikazzjoni ta' ċerti strumenti Komunitarji ġiet estiża għad-Danimarka permezz ta' ftehimiet internazzjonali bejn il-Komunità Ewropea u d-Danimarka konklużi abbażi tal-Artikolu 300 tat-Trattat tal-KE. Il-ftehimiet internazzjonali rilevanti, konklużi permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2006/325/KE<sup>1</sup> u 2006/326/KE<sup>2</sup> rispettivament, huma:

- (1) il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka, dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f' materji ċivili u kummerċjali<sup>3</sup> u
- (2) il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali<sup>4</sup>.

Dawn il-ftehimiet paralleli jipprovdu (fl-Artikolu 5(2)) biex il-Komunità Ewropea tagħti l-approvazzjoni tagħha f'każi fejn id-Danimarka bi ħsiebha tidħol fi ftehimiet internazzjonali li jistgħu jaffettwaw jew ibiddu l-ambitu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonossiment u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ: ir-Regolament Brussell I)<sup>5</sup> jew ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1393/2007 (KE) dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ: ir-Regolament dwar is-servizz ta' dokumenti)<sup>6</sup>. La d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' dawk il-ftehimiet paralleli u lanqas il-ftehimiet paralleli nfushom ma jistipulaw kif il-Komunità għandha tiegħu deċiżjoni fuq tali ftehim. L-għan tal-proposta/i huwa li tiġi stabbilita proċedura għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) taż-żewġ ftehimiet paralleli, permezz tal-emenda tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tagħhom.

#### **1.2. Il-Kuntest ġenerali**

Il-ftehimiet paralleli jipprovdu (fl-Artikolu 5(1)) li l-ftehimiet internazzjonali fejn il-

---

<sup>1</sup> ĠU L 120, 5.5. 2006, p. 22.

<sup>2</sup> ĠU L 120, 5.5.2006, p. 23.

<sup>3</sup> ĠU L 299, 16.11.2005, p. 62.

<sup>4</sup> ĠU L 300, 17.11.2005, p. 55.

<sup>5</sup> ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

<sup>6</sup> ĠU L 324, 10.12.2007, p. 78.

Komunità tkun parti skont ir-Regolamenti rilevanti (kif anness mal-ftehimiet paralleli) la huma vinkolanti u lanqas applikabbli għad-Danimarka. Id-Danimarka żżomm lura mill-idħol fi ftehimiet internazzjonali li jistgħu jaffettwaw jew ibiddlu l-ambitu tar-Regolamenti rilevanti, sakemm dan ma jsirx bi ftehim mal-Komunità u ma jkunux saru arranġamenti xierqa fir-rigward tar-relazzjoni bejn daww il-ftehimiet paralleli u l-ftehim internazzjonali kkonċernat.

Ir-relazzjonijiet bejn id-Danimarka u l-Komunità Ewropea fir-rigward ta' daww il-ftehimiet paralleli huma rregolati mil-liġi internazzjonali. L-Artikolu 300 tat-Trattat tal-KE japplika u konsigwentement il-Kummissjoni ma tistax tidħol għal obbligi internazzjonali f'isem il-Komunità Ewropea mingħajr ma tkun ġiet iddelegata tali dritt b'mod speċifiku. Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet paralleli u l-ftehimiet infushom ma jiddelegaw l-ebda setgħa lill-Kummissjoni biex tilħaq ftehim f'isem il-Komunità Ewropea. Għalhekk il-Komunità Ewropea għandha tistabbilixxi l-proċedura interna speċifika li għandha tkun segwita mill-Komunità Ewropea (bl-esklużjoni tad-Danimarka) biex jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tagħha biex id-Danimarka tikkonkludi ftehimiet internazzjonali li jaffettwaw ir-Regolamenti kkonċernati kif inhuma annessi mal-ftehimiet paralleli.

Għal raġunijiet prattiċi l-Kummissjoni qed tippreżenta żewġ proposti fl-istess ħin għall-implimentazzjoni taż-żewġ ftehimiet paralleli. Għalkemm mhuwiex daqstant probabbli li d-Danimarka tippromponi li tidħol fi ftehimiet internazzjonali li jkun fihom dispożizzjonijiet dwar is-servizz ta' dokumenti f'pajjiżi barranin li jistgħu jaffettwaw il-ftehim parallel dwar is-servizz ta' dokumenti, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-proċedura għall-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim parallel ukoll.

## **2. Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-valutazzjoni tal-impatt**

Fl-2008 saret laqgħa bejn rappreżentanti tal-awtoritajiet Daniżi u l-Kummissjoni sabiex tiġi diskussa s-sitwazzjoni. Ma saru l-ebda konsultazzjonijiet ulterjuri billi l-kwistjoni tal-proċedura interna li għandha tiġi segwita mill-Komunità Ewropea tikkonċerna biss lill-Komunità Ewropea, bl-eċċezzjoni tad-Danimarka, ladarba d-Danimarka ma tipparteċipax fit-Titolu IV tat-Trattat tal-KE u f'dan il-kuntest tista' titqies bħala pajjiż terz.

Il-Kummissjoni evalwat alternattivi differenti biex biex tiġi stabbilita l-proċedura ta' implimentazzjoni, għalkemm b'mod fejn ma titwettaqx valutazzjoni tal-impatt formali.

Waħda mill-alternattivi kellha tikkonsisti fl-emenda ta' żewġ ftehimiet paralleli sabiex tiġi pprovduta proċedura ta' implimentazzjoni partikolari. Din kienet tkun proċedura ħafna aktar ikkumplikata (il-ħtieġa għal mandat li jsiru negozjati għall-Kummissjoni, in-negozjati nfushom u l-proċedura li għandha tkun segwita għall-konklużjoni tal-ftehimiet) u, billi l-kwistjoni teħtieġ soluzzjoni b'mod urġenti, din l-alternattiva ma ntgħażlitx.

L-alternattiva magħżula mill-Kummissjoni tipprevedi soluzzjoni sempliċi u relattivament rapida, jiġifieri l-emenda tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet paralleli biex b'hekk jiddaħħlu d-dispożizzjonijiet partikolari dwar il-proċedura li għandha tkun segwita mill-Komunità Ewropea sabiex tiehru deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tagħha għall-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali kkonċernat min-naħa tad-Danimarka.

### 3. L-elementi legali tal-proposta(i)

#### 3.1. Taqsira tal-azzjoni proposta

Il-Kummissjoni tipproponi l-emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/325/KE u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/326/KE biex b'hekk f'dawk id-deċiżjonijiet jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-ftehimiet paralleli. L-istess proċedura hija pprovduta għall-implimentazzjoni taż-żewġ ftehimiet paralleli.

Spikkaw żewġ sitwazzjonijiet, u għal kull waħda minnhom ġiet stabbilita proċedura differenti biex il-Komunità Ewropea tagħti l-approvazzjoni tagħha. Id-denominatur komuni fiż-żewġ sitwazzjonijiet huwa li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa mill-Kunsill biex tagħti l-approvazzjoni tagħha f'isem il-Komunità Ewropea.

L-ewwel sitwazzjoni tinkludi każi fejn l-Istati Membri diġà ġew awtorizzati li jikkonkludu l-ftehim internazzjonali kkonċernat. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għal Ħsara mit-Tniġġis miż-Żejt tal-Banker, 2001 (il-Konvenzjoni dwar il-Bankers), fejn il-Komunità diġà awtorizzat lill-Istati Membri tagħha, biex fl-interess tal-Komunità, jiffirmawha, jirratifikawha jew jaderixxu magħha (ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/762/KE li tawtorizza lill-Istati Membri tagħha li, fl-interess tal-Komunità, li jiffirmaw, jirratifikaw u jaderixxu mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar ir-Responsabbiltà Ċivili għal Ħsara mit-Tniġġis miż-Żejt tal-Banker, 2001 (il-Konvenzjoni dwar il-Bankers)<sup>7</sup>). Eżempju ieħor huwa l-Protokoll tat-12 ta' Frar 2004 li jemenda l-Konvenzjoni ta' Pariġi tad-29 ta' Lulju 1960 dwar ir-Responsabbiltà tal-Partijiet Terzi fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari (ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/882/KE li tawtorizza lill-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Pariġi tad-29 ta' Lulju 1960 dwar ir-responsabbiltà tal-Partijiet Terzi fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari li jiffirmaw fl-interess tal-Komunità Ewropea, il-Protokoll li jemenda din il-Konvenzjoni<sup>8</sup> u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/294/KE li tawtorizza l-Istati Membri li huma partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Pariġi tat-29 ta' Lulju 1960 dwar ir-Responsabbiltà ta' Terzi Persuni fil-Qasam tal-Enerġija Nukleari biex jirratifikaw, fl-interess tal-Komunità Ewropea, il-Protokoll li jemenda dik il-Konvenzjoni, jew biex jaderixxu miegħu<sup>9</sup>). Din l-ewwel sitwazzjoni se tkopri wkoll każi fejn il-Komunità nfisha tkun issieħbet bħala parti fi ftehimiet internazzjonali li jaffettwaw ir-Regolament Brussell I jew ir-Regolament dwar is-servizz ta' dokumenti. Fil-każi deskritti, dejjem jekk il-Komunità tkun diġà eżaminat il-possibbiltà li daww l-istrumenti Komunitarji li jiġu affettwati mill-ftehim internazzjonali kkonċernat u tkun ipprovdiet, fejn meħtieġ, għal salvagwardji biex tiżgura li daww l-istrumenti Komunitarji huma applikati fil-każi rilevanti kollha, hija stabbilita proċedura sempliċi. F'tali sitwazzjonijiet, il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tagħti l-approvazzjoni tagħha lid-Danimarka f'isem il-Komunità Ewropea.

It-tieni sitwazzjoni tkopri l-każi kollha li ma jaqgħux taħt l-ewwel kategorija msemmija hawn fuq. F'tali każijiet huwa meħtieġ li ssir diskussjoni mal-Istati Membri dwar il-possibbiltà li r-Regolament ikkonċernat jiġi affettwat mill-ftehim internazzjonali li d-Danimarka tkun bi ħsiebha tikkonkludi. Għalhekk l-Istati Membri se jkunu involuti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet permezz tal-proċedura tal-komitoloġija. F'tali sitwazzjonijiet, il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tagħti l-approvazzjoni tagħha lid-Danimarka f'isem il-Komunità Ewropea

<sup>7</sup> ĠU L 256, 25.9.2002, p. 7.

<sup>8</sup> ĠU L 338, 23.12.2003, p. 30.

<sup>9</sup> ĠU L 97, 1.4.2004, p. 53.

permezz tal-proċedura ta' komitoloġija.

### **3.2. Il-Bażi legali**

Il-bażi legali għal dawn iż-żewġ proposti huwa l-Artikolu 61(c) tat-Trattat tal-KE, flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni 2006/326/KE biex tipprovdi għal proċedura għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 61(c) tiegħu, flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>10</sup>,

Billi:

- (1) L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000<sup>11</sup> ġie estiż għad-Danimarka permezz tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali, konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/326/KE<sup>12</sup>.
- (2) L-Artikolu 5(2) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka jipprovdi li d-Danimarka ma tidħol fl-ebda ftehim internazzjonali li jista' jaffettwa jew ibiddel l-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007, sakemm dan ma jsirx bi ftehim mal-Komunità u jsiru l-arranġamenti xierqa fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-Ftehim u l-ftehim internazzjonali kkonċernat.
- (3) La l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka nnifsu u lanqas id-Deċiżjoni 2006/326/KE ma jistipulaw kif il-Komunità Ewropea għandha tiegħu deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tagħha għall-konklużjoni, min-naħa tad-Danimarka, tal-ftehim internazzjonali kkonċernat.

---

<sup>10</sup> ĠU C , , p. .

<sup>11</sup> ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79.

<sup>12</sup> ĠU L 120, 5.5.2006, p. 23.

- (4) Il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka għandha tiddaħħal fis-seħħ. Tali proċedura għandha tiżgura li d-deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni tal-Komunità Ewropea jkunu jistgħu jittieħdu malajr.
- (5) Għandha ssir distinzjoni bejn il-każi fejn il-Komunità Ewropea nfisha tkun diġà ssieħbet bħala parti ta' ftehim internazzjonali jew tkun awtorizzata lill-Istati Membri tagħha li jagħmlu dan fl-interess tal-Komunità Ewropea u l-bqija kollha tal-każi.
- (6) Id-Deċiżjoni 2006/326/KE għandha tiġi emendata kif xieraq sabiex ttipprovdi għal tali proċedura.
- (7) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni<sup>13</sup>.
- (8) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (9) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka mhix tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, li għaldaqstant la hi vinkolanti u lanqas mhi applikabbli għad-Danimarka,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

#### *Artikolu Uniku*

Id-Deċiżjoni Nru 2006/326/KE hija emendata kif ġej:

L-Artikoli 1a u 1b li ġejjin għandhom jiddaħħlu:

#### *"Artikolu 1a*

Għall-iskop tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5(2) tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tal-Komunità Ewropea jekk:

- (a) Il-Komunità Ewropea nfisha diġà tkun parti għall-ftehim internazzjonali; jew
- (b) Il-Komunità Ewropea awtorizzata lill-Istati membri li jagħmlu dan fl-interess tal-Komunità Ewropea.

Fil-bqija tal-każi d-deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-Komunità Ewropea għandha tkun adottata mill-Kummissjoni skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 1b(2).

---

<sup>13</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 1b*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 ta' Deċiżjoni 1999/468/KE."

Magħmul fi Brussel,

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*